# L-ewwel ferħ ta' Kanġu ta' Filfla fl-Irdum tal-Madonna

## Akkwist bis-saħħa ta' 11-il sena ta' suċċess fil-kontroll tal-firien

Riċerkaturi mill-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta kkonfermaw li l-Kanġu ta' Filfla (Mediterranean Storm-petrel) bejjet b'suċċess għall-ewwel darba f'Malta - preċiżament fl-Irdum tal-Madonna fil-Mellieħa. Dan l-għasfur żgħir tal-baħar sal-lum konna nafu li jbejjet fuq Filfla u f'numru żgħir ta' għerien tal-baħar f'Għawdex, imma fl-2016 u l-2017 ġie kkonfermat li mill-inqas par wieħed bejjet b'suċċess f'Malta, jiġifieri rnexxielu jrabbi ferħ. Dak li faqqas aktar kmieni din is-sena twaħħallu wkoll ċurkett.

L-ewwel darba li dan l-għasfur ġie osservat qed jipprova jbejjet f'Malta kien fl-2014 u dan is-suċċess qed jasal wara 11-il sena ta' ħidma bla waqfien biex tiġi kkontrollata l-problema tal-firien f'dawn l-inħawi. Din il-ħidma, li inizjalment bdiet bħala parti mill-proġett LIFE Yelkouan Shearwater, kienet introdotta biex tiġi miġġielda t-thedidda minn dawn il-predaturi – partikolarment mill-Far Iswed - li jattakka l-bajd u l-frieħ tal-Garnija (Yelkouan Shearwater). Dan kien qed ifixkel il-possibbiltà li din l-ispeċi vulnerabbli tbejjet b'rata akbar.

Dawn il-miżuri importanti ta' konservazzjoni diġà kkontribwew biex f'dan is-sit illum għadna nsibu l-akbar kolonja tal-Garnija fil-Gżejjer Maltin u 'l fuq minn 80% tal-frieħ tal-Garni jtajru b'suċċess. Issa, bis-saħħa tal-istess azzjonijiet qed naraw ukoll il-preżenza tal-Kanġu ta' Filfla li wkoll qed ibejjet f'dan il-post. Dan juri li dawn il-miżuri mifruxin fuq perjodu ta' snin qed iwasslu għal titjib fil-bijodiversità waqt li minnhom qed tibbenefika wkoll il-parti l-kbira tal-ekosistema.

L-inizjattivi għall-kontroll tal-firien f'dan is-sit se jkomplu għaddejjin waqt li se jiġu estiżi wkoll għal siti oħrajn bħala parti mill-proġett attwali ta' BirdLife Malta, LIFE Arċipelagu Garnija. Dan jista' jwassal biex il-Kanġu ta' Filfla jkompli jbejjet f'numri akbar apparti li minn din il-ħidma jgawdu wkoll kolonji oħrajn tal-għasafar tal-baħar madwar il-Gżejjer Maltin.

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

Filwaqt li l-kontroll tal-firien issa laħaq livelli ta' effiċjenza, hemm bżonn li l-ġbir tal-iskart f'zoni aktar remoti bħalma huwa l-Aħrax tal-Mellieħa jsir aktar regolari ħalli l-firien ma jsibux skart organiku x'jieklu. Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija jħeġġeġ ukoll lill-pubbliku biex ma jħammiġx u meta jżur l-inħawi tal-kosta jiġbor l-iskart tiegħu u jieħdu miegħu lura lejn id-dar. B'hekk titnaqqas kull possibbiltà ta' ikel għall-firien u nkunu qed innaqqsu wkoll il-possibbiltà li n-numru ta' firien ikompli jikber.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta:
http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
https://www.facebook.com/arcipelagugarnija

**Ritratti:**
1. L-Irdum tal-Madonna hu wieħed mill-ftit postijiet fejn it-tliet speċi ta' għasafar tal-baħar li għandna f'Malta (iċ-Ċiefa, il-Garnija u l-Kanġu ta' Filfla) ibejtu f'daqqa fil-Gżejjer Maltin. (Ritratt ta' Paulo Lago)
2. Kanġu ta' Filfla adult isaħħan il-bajda fl-Irdum tal-Madonna, sit li issa hu ħieles mit-theddida tal-firien. (Ritratt ta' Martin Austad)
3. L-ewwel ferħ ta' Kanġu ta' Filfla li qatt twaħħallu ċurkett wara li faqqas fl-Irdum tal-Madonna. (Ritratt ta' Martin Austad)

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB